MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1087/2006

**Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd. (C 176).**

**vs.**

**Charles Bartolo (ID 823634 [M]) u Raymond Schembri (ID 398063 [M]).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd. (C 176), u Mark Aquilina (ID: 175768[M]) ghan-nom ta’ l-istess socjeta`, debitament *awtorizzat,* bil-gurament tieghu jiddikkjara illi jaf is-segwenti fatti personalment, datat 5 ta’ Dicembru 2006 a fol 1 tal-process, fejn espona:-

Illi b’kuntratt datat 23 ta’ April 2002 anness u mmarkat Dok. “A” s-socjeta` rikorrenti kriet lill-intimati l-fond

maghruf bhala "Suez Canal Bar" li jinsab gewwa Racecourse Street, Marsa u dan taht il-pattijiet u kundizzjonijiet imposti fl-istess kuntratt Dok. "A".

Illi l-fond mikri huwa soggett ghal kera ta' hmistax-il lira ta' Malta (Lm15) kuljum pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem.

Illi l-intimati naqsu milli jhallsu erba' skadenzi ta' kera lis-socjeta` rikorrenti liema skadenzi jammontaw komplessivament ghas-somma ta' tlettax-il elf mitejn u tletin lira ta' Malta u ghaxar centezmi (Lm13,230.10) u dan kif jirrizulta mill-fattura datata 20 ta' Gunju 2006, annessa u mmarkata Dok. "B".

Illi minkejja li gew interpellati sabiex ihallsu dan id-dejn l-intimati baqghu inadempjenti.

Illi l-klawzola 6 tad-Dok "A" jistipula illi jekk il-kerrej jonqos milli jhallas zewg skadenzi konsekuttvi ta' kera, s-sid ghandu d-dritt li jittermina l-ftehim bejn il-partijiet u jiehu lura l-pussess tal-fond bil-benefikati kollha u minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-istess sid li jitlob l-ammont li kien ikun dovut lilu kieku l-kuntratt kien jibqa' fis-sehh ghad-durata pattwita, u cioe` sat-23 ta' April 2007.

Illi l-ammont ulterjuri li kien ikun dovut, lis-socjeta` rikorrenti kieku l-kuntratt kien jibqa' fis-sehh ghad-durata pattwita jammonta ghas-somma ta' elfejn seba' mija u sittin lira ta' Malta (Lm2,760).

Illi kwindi l-intimati huma debituri *in solidum* lejn is-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta' hmistax-il elf disa' mija u disghin Lira ta' Malta u ghaxar centezmi (Lm15,990.10).

Illi l-intimati jirrikonoxxu li ddekadew mill-jedd taghhom kontrattwali, u ghaddew sabiex jiddepositaw ic-cwievet tal-fond mikri taht l-awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti b'cedola li kopja taghha qieghda tigi annessa u mmarkata Dok "C".

Illi s-socjeta` rikorrenti ma taqbilx mal-premessi ta’ dik ic-cedola, fejn jinghad illi gie miftiehem illi l-kuntratt ta’ kera jigi terminat fi zmien terminu ta’ sena u dana “bhala kompromess *stante* illi r-rikorrent baqa’ u ghadu jsostni li l-kuntratt gie unilateralment terminat meta l-intimati qabdu u minn jeddhom sullokaw parti mill-fond lil terzi”, u kien ghalhekk illi ma zbankatx ic-cwievet.

Illi fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti dan id-dejn huwa cert, dovut, u likwidu, u l-intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu f’dan ir-rigward kontra t-talbiet rikorrenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, *ai termini* tal-**artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Tiddikkjara illi l-intimati hija debituri *in solidum* tas-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta’ hmistax-il elf disa’ mija u disghin Lira ta’ Malta (Lm15,990.10).

3. Tiddikjara xjolt il-kuntratt ta’ lokazzjoni Dok “A”.

4. Tikkundanna l-intimati *in solidum* sabiex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ hmistax-il elf disa’ mija u disghin Lira ta’ Malta (Lm15,990.10), bl-imghaxijiet legali kkalkolati mit-20 ta’ Gunju 2006 sal-gurnata tal-pagament effettiv; u

5. Tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-fond “Suez Canal Bar”, Racecourse Street, Marsa fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 8 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Jannar 2007.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-31 ta’ Ottubru 2007 fejn Dr. Michael Psaila pprezenta nota li biha irtira l-hames talba attrici.

Rat in-nota attrici datata 31 ta’ Ottubru 2007 fejn s-socjeta’ attrici rtirat il-hames talba attrici (fol. 26).

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2008 fejn deher mill-konvenuti biss il-konvenut Charles Bartolo assistit mill-Avukat Dr. Peter Fenech u peress li deher li l-istess konvenut pprova li ghandhu prima facie eccezzjoni x’jaghti pprefigiet terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata ghall-prezentata tal-istess eccezzjonijiet/risposta guramentata.

Rat li l-konvenut Raymond Schembrui ghalkemm debitament notifikat baqa’ ma deherx fil-kawza u lanqas pprezenta risposta guramentata u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Charles Bartolo (ID 823624M) datata 17 ta’ Gunju 2008 a fol 34 tal-process fejn gie eccepit: -

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li kien hemm ftehim dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt ta’ kiri tal-fond maghruf bhala “Suez Canal Bar” gewwa Racecourse Street, Marsa, b’perijodu ta’ sena u l-esponenti kien effettwa pagament finali f’dan ir-rigward.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u subbordinament, il-kuntratt ta’ kiri de quo gie unilateralment xolt da parti tas-socjeta` rikorrenti meta l-istess socjeta` rikorrenti hadet lura l-fond, ghamlet xoghlijiet u alterazzjonijiet strutturali u krewh lill-terzi persuni u gie operat minn dawn it-terzi persuni.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat Charles Bartolo a fol 35 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit- 2 ta' Ottubru 2008 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Michael Camilleri sabiex fil-mori tal-kawza jsir kontro-ezami tal-affidavit atturi; u l-verbal tas-seudta tat-22 ta' Jannar 2009 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali, spejjez provizorjament attrici, lil Dr. Ian Vella Galea sabiex jiffisssa zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet u wara jghaddi ghar-rapport.

Rat in-nota tal-konvenut Charles Bartolo datata 15 ta' Ottubru 2008 (fol. 38).

Rat in-nota tas-socjeta' attrici fejn t-talba giet ridotta ghall-ammont ta'  30,097.83 Euro (Lm12,921) (fol. 117).

Rat in-nota ta' sotomissjonijiet ta' Golden Harvest Mfg. Co Ltd datata 5 ta' April 2010 a fol 112 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Charles Bartolo datata 25 ta' Mejju 2010 a fol 121 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea bix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti ipprezentati, u r-rapport li gie pprezentat fir-Registru fit-18 ta' Jannar 2011 u mahluf fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2011, l-istess rapport jinsab esebit a fol 135 et seq  tal-process.

Rat l-eskussjoni li saret tal-Perit Legali datata 24 ta' Marzu u 19 ta' Mejju 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tad-19 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Peter Fenech ghall-intimat Charles Bartolo u Dr. Olivia Camilleri ghas-socjeta` attrici li rrimettiet ruhha ghar-rapport. Xehed Dr. Ian Vella Galea. Dr. Peter Fenech talab li jaghmel nota ta' kritika. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet sittin gurnata (60) ghan-nota

responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Jannar 2012.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Charles Bartolo datata 20 ta' Lulju 2011.

Rat in-nota responsiva tas-socjeta' attrici datata 20 ta' Settembru 2011.

Rat il-verbal datata 31 ta' Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' Lm15,990 rappresentanti kera ta' Lm13,230.10 ghall-fond "Suez Canal", Racecourse Street, Marsa ghall-perjodu sat-22 ta' Ottubru 2006, ta' Lm2,760 sad-data meta kellu jaghlaq il-kuntratt ta' kiri tal-istess fond sat-23 ta' April 2007 skond skrittura datata 23 ta' April 2002 (Dok. "A") li tistabbilixxi terminu ta' hames snin mid-data tal-kuntratt bhala l-perjodu ta' kera.

Illi mela dak li qed titlob is-socjeta' attrici huwa l-kera ghat-terminu kollu tal-lokazzjoni pattwita bl-imsemmija skrittura datata it-23 ta' April 2002 li permezz taghha s-socjeta' rikorrenti kkoncediet b'titolu ta' kera lill-konvenuti l-fondi maghrufa bhala 'Suez Canal Bar' u 'Mona Lisa House' f'Racecourse Street, Marsa u dan ghall-perjodu ta' hames (5) snin mid-data tal-kuntratt u versu l-kera ta' hmistax-il Lira Maltin (Lm15) kuljum pagabbli kull sitt xhur bil-

quddiem. L-istess kuntratt jipprovdi wkoll, f'klawsola numru 6, illi:-

*"Failure by the lessee to pay two consecutive rents shall give the right to the Lessor to immediately terminate this agreement and to regain possession of the premises and all improvements made therein by the Lessee, without any prejudice to the Lessor's right for any amount due by way of rent for the whole period of the remaining lease."*

Illi fil-fatt Mark Aquilina, direttur tas-socjeta' rikorrenti, spjega illi l-intimati hallsu biss l-ewwel erba` skadenzi ta' kera (u cioe' ghall-perjodu minn April 2002 sa April 2004) u li salv pagament fl-ammont ta' Lm2,930 akkont ta' l-iskadenza ghall-perjodu minn April 2004 sa Ottubru 2004, ma thallsu l-ebda mill-iskadenza ta' kera dovuti minn April 2004 sa Ottubru 2006 u ma jidhirx li dan huwa bhala fatt kontestat.

Illi izda l-intimat Charles Bartolo eccepixxa li kien ghamel ftehim dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' kiri tal-fond 'Suez Canal Bar' b'perjodu ta' sena u li kien effetwa pagament finali f'dan ir-rigward.

Illi izda mill-provi jirrizulta li l-intimat Bartolo stess jghid li ma jiftakarx meta kienet id-data ta' meta gie rilaxxat il-fond ghalkemm l-ahhar pagament li kellu jaghmel skont il-ftehim verbali ma' Victor Aquilina sar permezz ta' cheque datat 21 ta' Dicembru 2004 u li fisikament kien ilu li hareg mill-fond. Dan jikkontrasta, fl-ewwel lok, max-xhieda ta' Victor Aquilina li qal li ftit taz-zmien wara Awissu tas-sena 2005 kien ra lil Charles Bartolo barra l-fond in kwistjoni fejn dan kien qabbad lil xi nies biex inehhu l-affarijiet tieghu minn gewwa l-fond u li Charles Bartolo staqsih fejn kien se jhalli c-cwievet, liema xhieda ma gietx ikkontradetta mill-intimat Bartolo. Fit-tieni lok, mix-xhieda ta' Lourdes Kert u Joseph Muscat jirrizulta li dawn issullokaw il-fond minghand l-intimati, kienu jhallsu l-kera direttament lill-intimat Bartolo, telqu mill-fond madwar is-sena 2005/2006 u li mat-tluq taghhom taw ic-cwievet lura lill-istess Bartolo, liema xhieda wkoll ma gietx ikkontradetta. Jigi rilevat ukoll illi l-intimat Bartolo

iddepozita c-cwievet tal-fond taht l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Jannar 2006.

Illi barra minn dan ghalkemm l-intimat Charles Bartolo xehed li kien intlahaq ftehim ma' Victor Aquilina fis-sens illi Bartolo kellu jhallas l-ahhar pagament tal-kirja u johrog mill-ftehim ta' lokazzjoni, huwa stess sussegwentement xehed illi hu kien baqa' jigbor il-kera minghand terzi ghaliex hekk kien ftiehem ma' Victor Aquilina li qallu biex jibqa' jhallas sa l-ahhar. Ghalhekk, l-intimat Bartolo ta zewg verzjonijiet kontradittorji dwar l-allegat ftehim li ntlahaq ma' Victor Aquilina u ghalhekk ma hemmx dubju li x-xhieda tieghu hija fl-ahjar ipotesi nkonsistenti.

Illi minn naha l-ohra Mark u Victor Aquilina ghan-nom tas-socjeta' attrici dejjem cahdu li kien intlahaq ftehim ma' Charles Bartolo rigward it-terminazzjoni tal-kirja kif minnu allegat u fil-fatt il-premessi tal-azzjoni attrici huma wkoll mibnija fuq dan il-punt u wkoll li jikkontestaw il-kontenut tac-cedola ta' depositu ta' Charles Bartolo pprezentata fis-16 ta' Jannar 2006 (Dok. "C" – fol. 8) fejn jinghad li "*wara diskussjonijiet bejn il-partjiet kien gie miftiehem li dan il-kuntratt jigi terminat fi zmien terminu ta' sena u dan bhala kompromess stante li r-rikorrenti baqa' u ghadu jsostni li l-kuntratt gie unilateralment terminat meta l-intimati qabdu minn jeddhom sullokaw parti mill-fond lil terzi"*, u dan huwa kontestat mis-socjeta' attrici u fir-realta' ma giex ippruvat mill-konvenut, li kien oneru tieghu li jipprova dan.

Illi din il-Qorti oltre dak li qal il-Perit Legali f'dan ir-rigward tghid ukoll li fl-ewwel lok il-kliem tal-iskrittura huwa car u ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni, u dan fis-sens li l-perjodu ta' kera kien ta' hames snin, u kemm il-darba kien hemm morizita' ta' pagament ta' numru ta' skadenzi ta; kera s-socjeta' attrici kellha dritt li titermina l-kirja u titlob il-hlas tal-istess arretrati flimkien mal-kera ghall-perjodu kollhu pattwiet.

Illi din l-interpretazzjoni qed tinghata anke *in vista* tar-regoli gudizzjarji li jirregolaw l-istess inkluz dawk indikati fil-kawza fl-ismijiet **"Emmanuel Avallone vs Centru**

**Speranza fl-Inkapacitati”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Frar 2002) fejn inghad:-

*“Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li “l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa’ dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. “Pacta sunt servanda”. (A.C. 5 ta’ Ottubru, 1998 – “**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines”**)”.*

Illi ma dan jinghad li din il-Qorti thoss li jekk kellu jkun hemm ftehim li jmur kontra dan, kif il-konvenut qed jallega kien oneru tieghu li jippruvaw, haga li ma saritx ghaliex il-provi mressqa f’dan is-sens mill-konvenut ma jwasslux ghall-grad ta’ prova rikjest mil-ligi, u ma` dan jizdied jinghad li la darba l-iskrittura ta’ lokazzjoni qeghda in iskritt, ftehim li ser ibiddel l-istess, kien fl-interess tal-konvenut/i, kieku vera sehh, kien ikun redatt in iskritt haga li ma saritx, ghaliex fil-verita’ mill-provi prodotti ftehim is-sens ma jirrizultax li sar. Ghalhekk mill-provi prodotti ma jirrizultax illi kien intlahaq ftehim dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt ta’ kiri tal-fondi in kwistjoni u ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat Charles Bartolo qed tigi michuda.

Illi l-intimat Charles Bartolo eccepixxa wkoll illi l-kuntratt ta’ kiri gie unilateralment xolt da parti tas-socjeta’ rikorrenti meta l-istess socjeta’ rikorrenti hadet lura l-fond, ghamlet xogholijiet u alterazzjonijiet strutturali u krietu lil terzi persuni u gie operat minn dawn it-terzi persuni.

Illi f’dan il-kuntest Charles Bartolo xehed illi wara l-ewwel sena ta’ kirja ma kienx sodisfatt bl-andament tal-bar u sahtu kienet sejra lura u ghalhekk beda jiddiskuti ma’ Victor Aquilina sabiex johrog mill-fond. Charles Bartolo xehed ukoll illi s-socjeta’ rikorrenti hadet minnufih il-pussess tal-fond meta hu beda jitkellem ma’ Victor Aquilina dwar il-fatt li ried jitlaq. Ghalhekk, skont ix-xhieda moghtija mill-intimat Bartolo, s-socjeta’ rikorrenti hadet il-pussess tal-fond madwar sena wara li nbdiet il-kirja tal-fond da parte ta’ l-intimati fis-sena 2002.

Illi izda minkejja dak allegat mill-intimat Bartolo, mill-provi prodotti jirrizulta: li l-intimati stess kienu ssullokaw il-fond lil terzi persuni u cioe' lil Lourdes Kert u Joseph Muscat; li Charles Bartolo kien jithallas il-kera direttament minghand dawn it-terzi persuni; li waqt li l-imsemmija Lourdes Kert u Joseph Muscat kienu qed jokkupaw il-fond, l-intimat l-iehor Raymond Schembri kien baqa' jhallas il-kera lill-intimat Bartolo; li l-imsemmija Lourdes Kert u Joseph Muscat telqu mill-fond madwar is-sena 2005/2006; li mall-hrug tieghu mill-fond, Joseph Muscat ghadda c-cwievet lura lill-intimat Bartolo u li l-fond inghalaq; li Charles Bartolo iddepozita c-cwievet tal-fond taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti f'Jannar tas-sena 2006; li s-socjeta' rikorrenti zbankat l-istess cwievet fis-27 ta' Lulju 2007 u cioe' wara li skada l-ftehim ta' lokazzjoni; u li l-ewwel darba li nkera l-fond mis-socjeta' rikorrenti wara li telqu l-intimati kien fis-7 ta' Jannar 2009 (Dok. "JC 1" – fol. 77).

Illi ma dan jizdied jinghad li f'konfront dirett ma' Victor Aquilina, l-intimat Raymond Schembri qal illi hu kkonkluda li Victor Aquilina ha l-fond ta' fuq wara l-gheluq tieghu peress li Charles Bartolo qallu li Victor Aquilina ma riedux hemm. Minn naha taghhom, Mark u Victor Aquilina cahdu li hadu l-pussess tal-fond. Ghalhekk, mill-provi prodotti ma jirrizultax illi socjeta' rikorrenti hadet lura l-fond jew li krietu lil terzi persuni qabel ma skada l-kuntratt ta' lokazzjoni. Ghaldaqstant, it-tieni eccezzjoni ta' l-intimat Charles Bartolo qed tigi michuda.

Illi fir-rikors guramentat taghha s-socjeta' rikorrenti ppremettiet illi l-intimati naqsu milli jhallsu erba' skadenzi ta' kera lis-socjeta' rikorrenti liema skadenzi jammontaw komplessivament ghas-somma ta' Lm13,230.10. Mark Aquilina spjega illi l-intimati hallsu biss l-ewwel erba' skadenzi ta' kera (u cioe' ghall-perjodu minn April 2002 sa April 2004) u li salv pagament fl-ammont ta' Lm2,930 akkont ta' l-iskadenza ghall-perjodu minn April 2004 sa Ottubru 2004, ma thallsu l-ebda mill-iskadenza ta' kera dovuti minn April 2004 sa Ottubru 2006.

Illi s-socjeta' rikorrenti ppremettiet ukoll illi l-intimati huma debituri taghha fl-ammont ta' Lm2,760 *ai termini* ta'

klawsola numru 6 tal-kuntratt ta’ lokazzjoni u ghalhekk ghall-kera dovuta ghall-perjodu rimanenti minn Ottubru 2006 sad-data ta’ l-iskadenza ta’ l-istess kuntratt u cioe’ sat-22 ta’ April 2007 u ghalhekk, is-socjeta’ rikorrenti ppremettiet illi hija kreditrici ta’ l-intimati fl-ammont komplessiv ta’ Lm15,990.10 u cjoe’ ghall-ammont kollu (ara **“Emanuel Cauchi vs BCF Holding Limited et”** (P.A. (RC) – 28 ta’ Gunju 2006).

Illi sussegwentment, is-socjeta’ rikorrenti pprezentat nota datata 5 ta’ April 2010 (fol. 117) li permezz taghha ppremettiet illi waqt il-gbir tal-provi rrizulta illi l-intimati hallsu wkoll is-somma ta’ Lm3,530.50 u li mal-fattura mmarkata bhala Dok. “B” annessa mar-rikors guramentat ma kienetx inkluza l-ahhar skadenza ta’ kera ammontanti ghal Lm3,221.40 li kienet dovuta fit-23 ta’ Ottubru 2006 u li kienet tkopri l-kera ghall-perjodu 23 Ottubru 2006 sat-22 ta’ April 2007, data li fiha kienet tiskadi d-durata tal-lokazzjoni.

Illi ghalhekk, is-socjeta’ rikorrenti rragunat illi meta jitnaqqas l-ammont ta’ Lm3,530.50 imhallas mill-intimati u tizdied l-iskadenza ta’ Ottubru 2006, l-ammont dovut mill-intimati lis-socjeta’ rikorrenti jammonta ghal €30,097.83, ekwivalenti ghal Lm12,921 u mhux Lm15,990, u b’hekk irriduciet it-tieni u r-raba’ talbiet taghha ghas-somma komplessiva ta’ €30,097.83, izda fil-verita’ jidher li l-kunteggi saru zbaljati ghaliex dak li kellu jsir f’dan il-kaz huwa li l-ammont mitlub ta’ Lm15,990.10 jitnaqqas minnu l-ammont ta’ Lm3,221.40 li jhalli bilanc ta’ Lm12,459.60 ekwivanti ghal €29,023.06, u dan kif indikat fin-nota responsiva tas-socjeta’ attrici datata 20 ta’ Settembru 2011.

Illi dan ghaliex fil-fatt jirrizulta li sar hlas mill-intimat Charles Bartolo fl-ammont ta’ Lm3,530.50 permezz ta’ cheque datat 21 ta’ Dicembru 2004 (kopja annessa ma’ l-affidavit ta’ Charles Bartolo u mmarkata bhala Dok. “CB1”) u li ghalhekk dan l-ammont irid jitnaqqas mill-ammont pretiz fir-rikors gurmantat li kien ta’ Lm15,990.10 kif jirrizulta mit-tieni u mir-raba’ taba attrici u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha ghall-ammont ta’

Lm12,459.60 ekwivanti ghal €29,023.06. F'dan il-kuntest ma hemmx dubju li r-rikors guramentat kien ghall-ammont totali ghall-perjodu shih pattwiet tal-lokazzjoni u t-talbiet attrici, bhala premessi, kienu jirreflettu dan.

Illi fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti u cioe' t-talba sabiex jigi ddikjarat xolt il-kuntratt ta' lokazzjoni (Dok. A), jirrizulta li dan skada fil-mori fil-mori u cioe' fit-23 ta' April 2007, u ghalhekk f'dan is-sens qed jigi ddikjarat li llum l-istess kuntratt skada u f'dan is-sens mhux il-kaz li l-istess kuntratt jigi ddikjarat xolt u ghalhekk in vista ta' dan il-Qorti tastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-istess talba.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut Raymond Schembri, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Bartolo in kwantu huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante c-cessjoni taghha, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba ghaliex it-terminu tal-istess kirja effettivament skada, **tilqa' talbiet attrici l-ohra hawn indikati biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

2. Tiddikkjara illi l-intimati huma debituri in solidum tas-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta' disgha u ghoxrin elf, tlieta u ghoxrin euro u sitt centezmi (€29,023.06) ekwivalenti ghal tnax il-elf, erba' mija u disgha u hamsin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm12,459.60).

4. Tikkundanna l-intimati *in solidum* sabiex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta' disgha u ghoxrin elf, tlieta u ghoxrin euro u sitt centezmi (€29,023.06) ekwivalenti ghal tnax il-elf, erba' mija u disgha u hamsin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm12,459.60) bl-imghaxijiet legali kkalkolati mill-iskadenzi rispettivi ta' kera sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------